

Il-Ħamis 15 ta' Jannar 2015

P8\_TA(2015)0008

## Il-Kirgiżistan, abbozz ta' liġi dwar il-propaganda omoesswali

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2015 dwar il-Kirgiżistan, l-abbozz ta' liġi dwar il-propoganda omoesswali (2015/2505(RSP))**

(2016/C 300/03)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Kirgiżistan u r-repubbliki tal-Asja Ċentrali, b'mod partikolari dik tal-15 ta' Diċembru 2011 dwar l-istat tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għall-Asja Ċentrali <sup>(1)</sup>,
- wara li kkunsidra l-kostituzzjoni tal-Kirgiżistan, u b'mod partikolari l-Artikoli 16, 31, 33 u 34 tagħha,
- wara li kkunsidra l-obbligi u l-istrumenti internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, inklużi dawk li jinsabu fil-konvenzjonijiet tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem u fil-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, li jiggwarantixxu d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u jipprojbixxu d-diskriminazzjoni,
- wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR), li jiggwarantixxi l-libertà tal-espressjoni, il-libertà tal-għaqda, id-dritt għar-rispett għall-ħajja personali, privata u tal-familja tal-individwi u d-dritt għall-ugwaljanza, u jipprojbixxi d-diskriminazzjoni fit-tgawdija ta' dawk id-drittijiet,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU A/HRC/17/19 tas-17 ta' Ġunju 2011 r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU A/HRC/27/32 tal-24 ta' Settembru 2014 dwar id-drittijiet tal-bniedem, l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni mill-kelliem għall-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem dwar il-Kirgiżistan tal-24 ta' Ottubru 2014,
- wara li kkunsidra l-istatus ta' "Sieħeb għad-demokrazija" tal-Parlament tal-Kirgiżistan fl-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa (APKE),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-APKE 1984 (2014) tat-8 ta' April 2014 dwar it-Talba għal status ta' Sieħeb għad-Demokrazija mal-Assemblea Parlamentari mressqa mill-Parlament tar-Repubblika Kirgiża, b'mod partikolari l-paragrafi 15.24, 15.25 u 15.26 tagħha,
- wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min naħa waħda, u r-Repubblika Kirgiża min-naħa l-oħra, b'mod partikolari l-Artikoli 2 u 92 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-Unjoni Ewropea dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem, adottati f'Ġunju tal-2004 u rieżaminati fl-2008, u l-Linji Gwida għall-Promozzjoni u l-Protezzjoni tat-Tgawdiha tad-Drittijiet tal-Bniedem kollha mill-Persuni Lesbjan, Gay, Bisesswali, Transġeneri u Interessswali (LGBTI), adottati mill-Kunsill fl-24 ta' Ġunju 2013,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW), adottata fl-1979,

<sup>(1)</sup> ĠU C 168 E, 14.6.2013, p. 91.

Il-Ħamis 15 ta' Jannar 2015

- wara li kkunsidra l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju u l-aġenda ta' wara l-2015,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 135(5) u 123(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Kirgiżistan irnexxielha taqgħmel progress kbir tul is-snin imgħoddija meta mqabbla ma' pajjiżi oħra fir-reġjun, b'mod l-aktar partikolari billi saret demokrazija parlamentari, intensifikat l-isforzi fil-ġlieda lill-korruzzjoni, u impenjat ruħha għall-istandards tad-drittijiet tal-bniedem universali;
- B. billi l-UE għandha interess ċar f'Kirgiżistan li hija paċifika, demokratika u ekonomikament prospera; billi l-UE impenjat ruħha, b'mod partikolari permezz tal-Istrateġija taqgħha għall-Asja Ċentrali, li taġixxi bħala siekba tal-pajjiżi li hemm fir-reġjun;
- C. billi l-pajjiżi tal-Asja Ċentrali jiffaċċjaw għadd ta' sfidi komuni, bħalma huma l-faqar u theddid serju għas-sigurtà tal-bniedem, u l-ħtieġa li jissaħħu d-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, il-governanza tajba u l-istat tad-dritt;
- D. billi l-bnedmin kollha huma mwielda liberi u indaq fid-dinjità u d-drittijiet; billi l-istati kollha għandhom l-obbligu li jipprevjenu l-vjolenza u d-diskriminazzjoni, inkluża dik abbażi tal-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru u l-espressjoni tal-ġeneru;
- E. billi l-persuni lesbjani, gay, bisesswali, transġeneri u intersesswali (LGBTI) għandhom igawdu l-istess drittijiet tal-bniedem bħan-nies l-oħra kollha;
- F. billi r-Repubblika Kirgiża id-dekriminalizzat l-omosesswalità tal-irġiel fl-1998;
- G. billi fil-15 ta' Ottubru 2014 il-Parlament Kirgiż għadda fl-ewwel qari l-abbozz ta' liġi 6-11804/14, li fih emendi lill-Kodiċi Kriminali, lill-Kodiċi tar-Responsabilità Amministrattiva, lill-Liġi dwar l-Assemblea Paċifika u lill-Liġi dwar il-Midja tal-Massa immirati biex jipprojbixxu l-"promozzjoni ta' relazzjonijiet sesswali mhux tradizzjonali b'mod miftuħ jew indirett" u li jiddisponi għal sa sena priġunerija;
- H. billi xi midja u xi mexxejja politiċi u reliġjużi fil-pajjiż kulma jmur qed ifittxu aktar u aktar li jintimidaw lill-persuni LGBTI, jillimitaw id-drittijiet taqgħhom u jilleġittimizzaw il-vjolenza kontrihom.
- I. billi għadd kbir ta' kapijiet ta' stat u ta' gvern, mexxejja tan-Nazzjonijiet Uniti, rappreżentanti ta' gvern u parlamentari, u l-Unjoni Ewropea, inklużi l-Kunsill, il-Parlament, il-Kummissjoni u dik li kienet ir-Rappreżentant Għoli Catherin Ashton, ikkundannaw bil-qawwa liġijiet simili "ta' kontra l-propaganda";
- J. billi d-diskriminazzjoni abbażi tas-sess, l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru huma marbuta bejniethom, u billi diversi NGOs u n-NU ġibdu l-attenzjoni lejn il-fatt li l-inugwaljanzi bejn is-sessi għadhom sinifikanti, u li l-bniet u n-nisa fil-Kirgiżistan għadhom qed isofru abbużi bħalma huma l-ħtif u ż-żwieġ sfurzat, għalkemm il-liġi tal-1994 li tipprojbixxi dan ġiet imsaħħa f'Jannar 2013;
- 1. Jiddispaċih bil-kbir minħabba l-preżentazzjoni ta' dan l-abbozz ta' liġi, u kwalunkwe azzjoni li tista' twassal għal trattament krudil, inuman u degradanti, u jistieden lill-pajjiżi kollha jittterminaw immedjatament il-kriminalizzazzjoni tal-omosesswalità;

**Il-Ħamis 15 ta' Jannar 2015**

2. Itenni l-fatt li l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru huma kwistjonijiet li jaqgħu fl-isfera tad-dritt tal-individwu għall-privatezza, kif iggarantit mil-liġi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, skont liema liġi l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni għandhom jiġu protetti, filwaqt li l-libertà tal-espressjoni għandha tiġi ggarantita;
3. Ifakkar lill-Parlament Kirgiż fl-obbligi internazzjonali tiegħu u fil-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni mal-Unjoni Ewropea, li jinkludi r-rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem bħala element essenzjali tas-sħubija u jitlob li jiġi rtirat l-abbozz ta' liġi dwar "it-tifrix ta' informazzjoni dwar relazzjonijiet sesswali mhux tradizzjonali" li bħalissa qed tiġi rieżaminata fil-parlament;
4. Jinnota li l-abbozz ta' liġi għadda l-ewwel qari tiegħu u għandu jiġi vvutat darbtejn oħra qabel ma jmur għand il-President għall-firma, u jenfasizza li l-adozzjoni ta' kwalunkwe leġiżlazzjoni dwar "relazzjonijiet mhux tradizzjonali" ma għandhiex tmur kontra l-obbligi u l-impniji tal-Kirgiżistan fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem;
5. Jistieden lill-awtoritajiet Kirgiżi jafferimaw mill-ġdid pubblikament li n-nies kollha fil-Kirgiżistan għandhom id-dritt li jgħixu ħielsa mid-diskriminazzjoni u l-vjolenza abbażi tal-orjentazzjoni sesswali tagħhom u tal-identità tal-ġeneru tagħhom u li kwalunkwe att li hu kuntrarju għal dan huwa illegali u se jitressaq għal prosekuzzjoni;
6. Jistieden lill-Parlament Kirgiż isegwi r-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa fir-Riżoluzzjoni 1984 (2014) dwar it-Talba għal status ta' Sieħeb għad-Demokrazija, b'mod partikolari r-rakkomandazzjonijiet 15.24, 15.25 u 15.26;
7. Jistieden lill-Parlament Kirgiż jirrispetta l-kostituzzjoni tiegħu, inkluż l-Artikolu 16, li jiddikjara li l-"liġijiet li jiċħdu jew jidderogaw id-drittijiet u l-libertajiet tal-bniedem u dawk ċivili ma għandhomx jiġu adottati fir-Repubblika Kirgiża", u l-Artikoli 31, 33 u 34, li jafferimaw il-libertà tal-kelma, il-libertà tal-espressjoni u l-libertà tal-għaqda, u jiċħad l-abbozz ta' liġi 6-11804/14;
8. Jinsab imħasseb profundament dwar il-konsegwenzi negattivi tad-diskussjoni u l-adozzjoni potenzjali ta' dan l-abbozz, li qed ikomplu jżidu l-istigmatizzazzjoni, id-diskriminazzjoni u l-vjolenza kontra l-individwi LGBTI; jistieden lill-politikanti u lill-mexxejja reliġjużi jżommu lura mir-retorika ta' kontra l-LGBTI, inkluż diskors ta' mibgħeda u tixwix għall-mibegħda;
9. Jinsab imħasseb dwar l-effetti li possibbli jkollha tali leġiżlazzjoni fuq id-donaturi internazzjonali, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u l-organizzazzjonijiet umanitarji li qed jaħdmu fuq il-kwistjonijiet tal-LGBTI u l-prevenzjoni tal-HIV;
10. Jistieden lill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU iqis, bħala parti mir-Rieżami Perjodiku Universali tal-Kirgiżistan, l-injorar tal-prinċipji tal-ugwaljanza u tan-nondiskriminazzjoni rrappreżentati minn dan l-abbozz ta' liġi;
11. Jistieden lill-awtoritajiet Kirgiżi jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem ikunu jistgħu jkomplu bil-ħidma tagħhom ta' promozzjoni u protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem mingħajr xkiel;
12. Ihegġegħ lill-Kirgiżistan, fil-perjodu li jwassal għall-erbatax-il laqgħa tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Repubblika Kirgiża, tkompli bir-riformi li jwasslu għat-trasparenza, l-indipendenza tal-ġudikatura, ir-rikonċiljazzjoni bejn il-gruppi etniċi u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, peress li dawn huma l-fatturi ewlenin għall-iżvilupp sostenibbli fit-tul tal-pajjiż;
13. Jilqa' l-progress li sar mill-awtoritajiet Kirgiżi fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem fil-perjodu bejn ir-raba' u l-ħames rawnd tad-Djalogu bejn l-UE u r-Repubblika Kirgiża dwar id-Drittijiet tal-Bniedem; ihegġegħ bil-qawwa lill-awtoritajiet Kirgiżi jkomplu jagħmlu progress f'dan il-qasam;

Il-Ħamis 15 ta' Jannar 2015

14. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lis-Servizz għall-Azzjoni Esterna jagħmluha ċara lill-awtoritajiet Kirgiżi li l-adozzjoni eventwali ta' dan l-abbozz ta' liġi jista' jaffettwa r-relazzjonijiet mal-UE skont l-Artikolu 92(2) tal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni; barra minn hekk jistieden lill-Kunsill u lis-Servizz għall-Azzjoni Esterna jqajmu din il-kwistjoni fil-fori internazzjonali rilevanti, bħalma huma l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa u n-Nazzjonijiet Uniti;
15. Jistieden lill-awtoritajiet Kirgiżi jiżguraw li l-allegazzjonijiet ta' tortura u ta' trattament inuman u degradanti jiġu investigati fil-pront u b'mo' effiċjenti u li min hu ħati jiġi pproċessat quddiem qorti; jitlob, barra minn hekk, li l-priġunieri tal-kuxjenza jiġu meħlusa kollha, fir-rigward b'mod partikolari ta' Azimjon Askarov sakemm issir investigazzjoni sħiħa, imparzjali u ġusta, inkluż dwar l-allegazzjonijiet tiegħu ta' tortura u trattament ħażin;
16. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa, lill-Parlament tal-Kirgiżistan u lill-President tal-Kirgiżistan.
-